# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 9**

**Rikors numru 337/07/1 AF**

**CSMR (1994) Limited (C 16452) u Robert Damkjaer (Malta) Limited (C 30652)**

**v.**

**Dr Henri Mizzi sabiex jirrapreżenta lill-kumpanniji esteri ta' nazzjonalita` Daniza Damkjaer International u Robert Damkjaer Limited**

1. B'rikors ippreżentat fis-17 ta' Novembru 2021 l-attriċi CSMR (1994) Limited ('CSMR') talbet li tingħata l-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament minħabba li l-qagħda finanzjarja tagħha ma tippermettilhiex li tagħti garanzija għal €30,284.30. F'dak ir-rikors l-attriċi ppremettiet fost affarijiet oħra li:

*"Illi l-kollass tal-arranġamenti kummerċjali bejn il-partijiet – li fuq kollox huwa parti mill-mertu tal-appell odjern – wassal għal sitwazzjoni fejn il-kumpannija appellanti llum il-ġurnata m'għadhiex topera u lanqas m'għandha assi, għalhekk ser ikunu l-benefiċċjarji, ossija Mark Ellul Sullivan u Caroline Hayes illi ser ikollhom jagħmlu tajjeb għall-garanzija relattiva......*

*Illi wieħed għandu wkoll iqis illi ladarba l-appell odjern ser jinstema' flimkien ma' dak bin-numru ta' referenza 689/2011, l-istess benefiċċjarji Ellul Sullivan u Hayes ser ikollhom jagħmlu tajjeb ukoll għall-kawtela f'dak l-appell fl-istess waqt u dan għaliex il-kumpanniji appellanti illum m'għadhomx joperaw kif ingħad. Dan ifisser li l-kawtela komplessiva ser ikollha tkun fl-ammont ta' kawżi sebgħin elf ewro (€70,000) somma konsiderevoli li, fil-verita' hi diffiċli jekk mhux addirittura impossibbli għall-maġġior parti tal-popolazzjoni. Evidentement l-esponenti ma jistgħux jitqiegħdu f'posizzjoni li jaraw għandhomx jikkawtelaw appell flok ieħor.*

*Illi għalhekk jiġi umilment sottomess illi hemm lok li l-appellanti tingħata l-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament a tenur tal-artikolu 904 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta"*.

2. It-talba fir-rikors hi sabiex il-Qorti tagħtihom:

*".... il-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament fir-rigward tal-appell fl-ismijiet premessi, bin-numru ta' referenza 337/2007, u fin-nuqqas tiddiferixxi l-appell odjern għal ftit xhur oħra sabiex l-imsemmija appellanti Ellul Sullivan ikunu jistgħu isibu l-fondi sabiex jagħmlu tajjeb għall-imsemmija kawtela"*.

3. Kien fl-4 ta' Novembru 2021 li l-attriċi kienet notifikata bl-avviż tal-kawtela u bih intalbet tagħti garanzija ta' €30,284.30 (Reġistru €12,479.14 + Avukat u Prokuratur Legali €17,805.16). L-appell kien appuntat għas-smigħ għas-seduta tal-15 ta' Novembru 2021. Fid-9 ta' Novembru 2021 l-attriċi ppreżentat rikors li bih talbet korrezzjoni fl-avviż ta' smigħ fis-sens li s-smigħ isir fis-6 ta' Diċembru 2021 għaliex fl-appell kien hemm diġa` ordni tal-Qorti sabiex l-appell jinstema' dakinhar wara rikors li kien sar mill-konvenut *nomine*. B'digriet mogħti fl-20 ta' Ottubru

2021 din il-Qorti laqgħet it-talba. Imbagħad b'digriet ieħor mogħti fil-11 ta' Novembru 2021 il-Qorti ddikjarat li l-garanzija kellha tingħata "sa jumejn qabel id-data tas-6 ta' Diċembru 2021".

4. Fit-3 ta' Diċembru 2021 il-konvenut *nomine* wieġeb għar-rikors tal-attriċi tas-17 ta' Novembru 2021. Huwa oġġezzjona prinċipalment għaliex isostni li l-appellanti kienet taf x'ser tkun il-kawtela u kellha kwazi ħames snin sabiex tagħmel l-arranġamenti li kien hemm bzonn. Dan apparti li Mark Ellul Sullivan u Caroline Hayes qegħdin issa jinnegozjaw bil-kumpanija Island Food Importers and Distributors Limited. Kumpannija li saret sabiex jaħarbu l-obbligi li għandha CSMR. Isostnu wkoll li lanqas ir-rekwizit tal-*probabilis causa litigandi* ma ġie sodisfatt.

5. Art. 904(1) tal-Kap. 12 jipprovdi:

> *"Jista' jingħata lill-attur jew lill-appellant il-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament, meta huwa juri prima facie li għandu probabilis causa litigandi, u <u>jaħlef li ma rnexxilux iġib dik il-garanzija meħtieġa skont il-liġi</u>".*

6. Fl-ewwel lok għandu jingħad li fir-rikors li ppreżentat l-attriċi fid-9 ta' Novembru 2021 ma qalitx li ma kinitx f'posizzjoni finanzjarja li tagħti l-garanzija għall-ispejjeż tal-appell. Li semmew hu li:

> *"..... l-ħlas mitlub minnhom (recte, mingħandhom) mir-reġistratur hija somma konsiderevoli ħafna u għalhekk hemm fi kwalsiasi każ il-ħtieġa li l-appellanti jingħataw terminu raġonevoli biex jagħmlu l-ħlas meħtieġ".*

7. Fost id-diversi dokumenti li ġew ippreżentati mill-partijiet għall-finijiet tar-rikors hemm *annual report and financial statements tal-attriċi* għas-sena finanzjarja 2020 (ara fol. 746). Evidenti li llum il-kumpanija m'għandhiex il-likwidita` sabiex tiddepożita l-garanzija.

8. Il-kumpanija CSMR m'għadhiex topera. Kumpanija li kienet timporta prodotti tal-ikel u tbiegħhom fis-suq lokali. Kif spjega Mark Ellul Sullivan fis-seduta tal-14 ta' Frar 2022, il-prodotti li kienet timporta spiċċaw jiġu mportati mill-kumpanija Island Food Importers & Distributors Limited ('IFID') li hi wkoll tagħhom. Mid-dokumenti jirrizulta li dik il-kumpanija kienet reġistrata fis-26 ta' Ġunju 2017, filwaqt li l-attriċi ppreżentat l-appell fil-21 ta' Novembru 2016. Jirriżulta wkoll li l-*brands* tal-ikel li CSMR kienet tinnegozja fihom huma magħrufa fis-suq lokali (ara dokumenti a fol. 677 sa 693). Pero` b'dak li sar fis-sena 2017 evidenti li CSMR spiċċat 'lampa stampa' mingħajr negozju. Għalkemm ix-xhud qal li meta l-kumpanija ma komplitx topera l-kumpanija kellha *'zero valuation'*, ma tressqet l-ebda prova dokumentarja f'dak is-sens.

9. Mill-*annual report and financial statement* (31 ta' Awwissu 2019) tal-kumpanija IFID jidher li għalkemm għandha dejn, min-naħa l-oħra l-qagħda finanzjarja tagħha tidher stabbli (ara *statement* a fol. 704).

10. Mhuwiex magħruf x'kienet il-qagħda finanzjarja ta' CSMR fis-sena qabel waqfet topera, li l-Qorti qiegħda tifhem li kien meta ġiet reġistrata IFID. Ħadd mill-partijiet ma ppreżenta l-*annual report and financial statement* ta' CSMR għas-sena 2016 u 2017.

11. Fis-sitwazzjoni attwali m'hemmx dubju li l-ebda bank f'Malta mhu ser jagħmel tajjeb għall-kawtela tal-appell f'din il-kawza. Ovvjament il-ġurament li jittieħed mill-appellant li *"ma rnexxilux iġib dik il-garanzija meħtieġa skont il-liġi"*, hu suġġett għall-iskrutinju tal-Qorti.

12. Jibqa' l-fatt li mill-provi rriżulta li CSMR ġiet imneżża min-negozju li kellha fi żmien meta kien hemm diġa` pendenti r-rikors tal-appell. Għalkemm dwar dan xehed Mark Ellul Sullivan, id-deposizzjoni tiegħu mhijiex konvinċenti. Id-deċiżjoni li ttieħdet ġabet sitwazzjoni fejn il-kumpanija CSMR spiċċat litteralment bla negozju filwaqt li IFID sabet is-sodda mifruxa u ma jirriżultax li sar xi ħlas lil CSMR. Fl-IFID l-azzjonisti huma l-aħwa Richard Ellul Sullivan, Mark Ellul Sullivan u Caroline Hayes li huma wkoll azzjonisti fil-kumpanija CSMR.

13. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti tikkonkludi li fil-mori tal-appell CSMR ħadet deċiżjoni li biha ġabet lilha nnifisha f'posizzjoni li ma tistax tonora l-obbligi tagħha nkluż li tiddepożita l-garanzija tal-ispejjeż tal-appell skont il-liġi.

14. Għal dak li jirrigwarda dik il-parti tat-talba tal-appellanti sabiex tingħata żmien sabiex issib il-*funds* biex tagħti l-garanzija, ma jirriżultax li l-liġi tikkontempla din il-possibilta` wara li l-Qorti tiċħad talba li ssir *ai termini* tal-Art. 904 tal-Kap. 12.

Għaldaqstant, tiċħad it-talba tal-attriċi appellanti sabiex tingħata l-benefiċċju mill-ħelsien tal-garanzija skont l-Art. 904 tal-Kap. 12 u tiddikjara l-appell deżert. Spejjeż ta' din id-deċiżjoni a karigu tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr